



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 59/24

Il-Lussemburgu, 22 ta' Marzu 2024

Statistika ġudizzjarja tal-2023: konferma tan-natura strutturali taż-żieda fin-numru tal-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

It-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali (li l-kapaċità tagħha għet irdoppjata f'dawn l-aħħar snin) għandu jippermetti bilanċ aħjar fil-volum tax-xogħol bejn iż-żewġ qorti

Il-Qorti tal-Ġustizzja

- **Żieda fin-numru ta' rikorsi diretti** (rikorsi għal annullament u rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, b'mod partikolari fil-qasam tal-ambjent) ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
- Fil-qasam tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, id-domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2023 kienu l-iktar numerużi fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (b'mod partikolari fir-rigward tad-**dritt tal-ażil**).
- Provenjenza ġeografika tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari:
 - il-qorti tal-Istati Membri kollha, mingħajr eċċezzjoni, ressqu talbiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena li għaddiet, li huwa xhieda tal-vitalità tad-djalogu "bejn qorti u oħra";
 - żieda fin-numru ta' talbiet mill-qorti tal-**Bulgarija, tal-Polonja u tar-Rumanija**.

Il-Qorti Ġenerali

- Intlaħaq **in-numru ta' 20 000 kawża mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali sa mill-ħolqien tagħha** ¹.
- Tista' tiġi kkonstatata żieda fin-numru ta' kawżi mressqa, b'mod partikolari, fil-qasam tal-**proprietà intellettuali** u fil-qasam tal-politika ekonomika u monetarja (b'mod partikolari tad-**dritt bankarju**).
- **Żieda fin-numru ta' kawżi maqtugħa** u żamma f'**livell sodisfaċenti tat-tul tal-proċeduri** (medja ta' 18.2 xhur), bis-saħħa ta' ġestjoni effikaċi tal-kawżi u tal-effetti tal-irdoppjar tan-numru tal-Imħallfin.
- **Żieda fin-numru ta' kawżi maqtugħa minn kulleġġi ġudikanti estiżi ta' 5 Imħallfin** (123 kawża, jiġifieri + 23 %).

In-numru ta' kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qorti fl-2023 qabeż, għall-ewwel darba fl-istorja tal-istituzzjoni, iċ-ċifra simbolika ta' 2 000 kawża. Dan it-total jinkludi, madankollu, sensiela ta' 404 kawżi mressqa f'Ottubru 2023 quddiem il-Qorti Ġenerali, li huma essenzjalment identiċi ². Jekk ma jingħaddux dawn il-kawżi, in-numru ta' rikorsi ppreżentati xorta waħda jibqa' f'livell għoli ħafna, iżda qrib dak tas-snin preċedenti (1 710 fl-2022 u 1 720 fl-2021).


B'hekk, dawn iċ-ċifri jikkonfermaw it-tendenza ta' żieda fin-numru ta' kawżi mressqa, tendenza li wieħed seta' josserva matul dawn l-aħħar għaxar snin. Din iż-żieda tidher li hija ta' natura strutturali, b'mod partikolari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

B'hekk, bejn l-2014 u l-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tirċievi medja ta' 723 kawża fis-sena, filwaqt li din il-medja kienet ta' 833 bejn l-2019 u l-2023, jiġifieri żieda medja ta' 15 % (110 kawżi fis-sena).

Fir-rigward tan-numru ta' kawżi ttrattati, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali rnexxielhom jaqtgħu 1 687 kawża fl-2023, numru li huwa ftit oġġla mill-medja tal-aħħar snin (1 667 kawża fis-sena bejn l-2019 u l-2022).

Min-naħa tiegħu, in-numru ta' kawżi pendenti baqa' stabbli meta mqabbel mas-snin preċedenti (jekk neskludu l-404 kawżi identiċi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali li ssemmew iktar 'il fuq).

Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja tal-istituzzjoni bejn l-2019 u l-2023



Ħarsa ġenerali	2019	2020	2021	2022	2023
Kawżi mressqa	1 905	1 584	1 720	1 710	2 092
Kawżi magħluqa	1 739	1 540	1 723	1 666	1 687
Kawżi pendenti	2 500	2 544	2 541	2 585	2 990

Il-Qorti tal-Ġustizzja

L-istatistika tas-sena li għaddiet turi għal darba oħra **n-natura intensiva tal-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja matul dawn l-aħħar snin**. B'hekk, fl-2023, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tressqu 821 kawża, jiġifieri ftit iktar milli fl-2022, u hija qatgħet 783 kawża, jiġifieri numru simili ħafna għal dak tat-tliet snin preċedenti. It-tul medju tal-proċeduri, meta jitqiesu t-tipi kollha ta' kawżi, kien ta' 16.1 xhur u n-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2023 kien ta' 1 149.


Id-distribuzzjoni tal-kawżi skont it-tip ta' proċedura hija wkoll globalment simili għal dik tas-snin preċedenti, bir-rinviji għal deċiżjoni preliminari u l-appelli jibqgħu jirrappreżentaw, waħedhom, iktar minn 90 % tal-kawżi kollha mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. **Ta min wieħed isemmi evoluzzjoni sinjifikattiva li tikkonċerna ż-żieda fin-numru ta' rikorsi diretti.** Filwaqt li kien naqas għal livell storiku fl-2021, b'29 kawża ġdida biss, dan in-numru fil-fatt żdied għal 60 fl-2023, jiġifieri iktar mid-doppju. Din iż-żieda hija dovuta kemm għaż-żieda fin-numru ta' rikorsi għal annullament (8 rikorsi ppreżentati fl-2023, meta mqabbla ma' 2 biss fl-2022), fejn Stat Membru wieħed (il-Polonja) ippreżenta, is-sena li għaddiet, seba' rikorsi kontra atti adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni (fl-oqsma tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-effiċjenza tal-enerġija), kif ukoll għaż-żieda fin-numru ta' rikorsi għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: fil-fatt, fl-2023, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ diversi proċeduri ta' ksur paralleli kontra ċerti Stati Membri, b'mod partikolari fil-qasam tal-**ambjent**.

Fil-qasam tat-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari, l-ikbar numru ta' domandi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2023 (82) kienu fil-qasam tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fejn il-parti l-kbira ta' dawn it-talbiet jikkonċernaw l-interpretazzjoni tar-regoli dwar id-dritt tal-ażil u s-sistema ta' protezzjoni internazzjonali. Bħalma kien il-każ fl-2022, diversi domandi preliminari kkonċernaw l-oqsma tat-tassazzjoni (53), tal-protezzjoni tal-konsumaturi (52) u tat-trasport (40).

L-aħħar xhur tas-sena 2023 kienu kkaratterizzati min-negozjati dwar it-talba leġiżlattiva, imressqa f'Novembru 2022 mill-Qorti tal-Ġustizzja quddiem il-Parlament u l-Kunsill, sabiex, minn naħa, **tiġi ttrasferita lill-Qorti Ġenerali l-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja f'sitt oqsma speċifiċi (it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), id-dazji tas-sisa, il-Kodiċi Doganali, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, il-kumpens u l-assistenza tal-passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu jew ta' dewmien jew ta' kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport, kif ukoll is-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra)** u, min-naħa l-oħra, jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu, li daħal fis-seħħ f'Mejju 2019, ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali.

Kif jenfasizza Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, *"il-Qorti tal-Ġustizzja ser tkun tista' tikkonċentra iktar fuq il-kompiti ċentrali tagħha bħala ġurisdizzjoni kostituzzjonali u suprema tal-Unjoni. Fil-fatt, bħal ma kien il-każ f'dawn l-aħħar snin, il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jikkonċernaw temi sensittivi, bħalma huma l-ħarsien tal-valuri tal-Istat tad-dritt fil-kuntest ta' riformi ġudizzjarji nazzjonali, il-politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni, il-protezzjoni tad-data personali u l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-era diġitali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kif ukoll l-isfidi ambjentali, enerġetiċi u klimatiċi."*

Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja: kawżi mressqa, magħluqa, pendenti (2019 sa 2023)



Fl-2023	2019	2020	2021	2022	2023
Kawżi mressqa	966	737	838	806	821
Kawżi magħluqa	865	792	772	808	783
Kawżi pendenti	1 102	1 047	1 113	1 111	1 149


Fir-rigward tal-provenjenza ġeografika tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2023, wieħed jirrileva li l-qradi **tal-Istati Membri kollha, mingħajr eċċezzjoni, ressqu talbiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja** matul is-sena li għaddiet, li huwa xhieda tal-vitalità tad-djalogu “bejn qorti u oħra” stabbilit mit-Trattati.

Wieħed jista’ josserva li, fl-2023, kienu l-qradi **Ġermaniżi (94), Bulgari (51), Pollakki (48), Taljani (43), Rumani (40), Spanjoli (32) u Belġjani (30)** li ressqu l-iktar numru għoli ta’ talbiet għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-Polonja, in-numru ta’ rinviji għal deċiżjoni preliminari magħmula fl-2023 jikkostitwixxi l-ogħla numru mill-adeżjoni ta’ dan l-Istat mal-Unjoni Ewropea, 20 sena ilu, filwaqt li n-numru ta’ rinviji magħmula mill-qradi Bulgari fl-2023 huwa qrib, min-naħa tiegħu, in-numru rekord ta’ rinviji magħmula minn dawn il-qradi fl-2021 (58 talba).

Konstatazzjoni simili tista’ ssir fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mir-Rumanija. B’xejn inqas minn 40 talba mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2023, il-qradi Rumani, fil-fatt, għamlu numru għoli ta’ rinviji li huwa viċin l-ogħla numru milfuq fl-2019, meta kienu tressqu 49 talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-qradi tal-Istati Membri (2023)



BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	Total
30	51	12	5	94	4	2	6	32	19	4	43	1	15	6	2	18	2	21	23	48	13	40	6	8	5	8	518

Il-Qorti Ġenerali

Matul is-sena 2023, ir-riforma tal-Qorti Ġenerali li kienet tipprevedi l-irdoppjar tan-numru tal-Imħallfin tagħha (Regolament Nru 2015/2422) laħqet l-effetti kollha tagħha. Xhieda ta' dan hija l-istatistika ġudizzjarja tal-qorti. Il-Qorti Ġenerali għalqet 904 kawżi, b'1 271 kawża mressqa (868 jekk inħallu barra l-404 kawżi identiċi mressqa fl-aħħar tas-sena, li ssemmew iktar 'il fuq). Barra minn hekk, it-tul medju tal-proċeduri nżamm f'livell sodisfaċenti: medja ta' 18.2 xhur, li huwa indikatur ta' ġestjoni effikaċi tal-kawżi.

Kif jenfasizza Marc van der Woude, il-President tal-Qorti Ġenerali, *"matul is-sena 2023, il-Qorti Ġenerali kompliet il-proċess ta' modernizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari sabiex ittejjeb it-trattament tal-iktar kawżi voluminużi u kumplessi. Dawn il-kawżi, ġeneralment fil-qasam tad-dritt ekonomiku u finanzjarju, jistħajlek approċċ proattiv u adattat kemm fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi, kif ukoll f'termini ta' ppjanar tal-ħidma. Dan l-approċċ, li fih ser ikunu involuti r-rappreżentanti tal-partijiet, għandu jippermetti li jitnaqqas it-tul tal-istanza u li jintlaħqu b'mod aħjar l-aspettattivi tal-partijiet."*


Fir-rigward tas-suġġetti tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, tista' tiġi kkonstatata żieda b'mod partikolari fil-qasam tal-**proprietà intellettwali** (310 kawżi, meta mqabbla ma' 270 fl-2022) u f'dak tal-politika ekonomika u monetarja, qasam li jinkludi b'mod partikolari **d-dritt bankarju** (56 kawża ġdida mressqa fl-2023). Barra minn hekk, il-kawżi dwar il-**miżuri restrittivi** komplew isostnu l-attività tal-Qorti Ġenerali, iżda f'livell inqas milli fl-2022: 63 kawża mressqa fl-2023, meta mqabbla ma' 103 fl-2022. Il-kawżi l-ġodda f'dan il-qasam jikkonċernaw, fil-parti l-kbira tagħha (41 kawża minn 63), is-sensiela ta' miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea fl-2022 fil-konfront ta' persuni fiżiċi u entitajiet fil-kuntest tal-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukraina. Wieħed jinnota wkoll li fl-2023 rajna għall-ewwel darba kawżi dwar ir-regolazzjoni tas-swieq u tas-servizzi diġitali ³.

Barra minn hekk, ġiet ikkonfermata t-tendenza ta' żieda fin-numru ta' kawżi maqtugħa minn kulleġġi ġudikanti estiżi ta' 5 Imħallfin, jiġifieri 123 kawża (+ 23 % meta mqabbla mal-2022), li jirrappreżentaw kważi 14 % tal-kawżi kollha

magħluqa. Għandu jingħad ukoll li kawża (T-65/18 RENV, Il-Venezwela vs Il-Kunsill, dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fil-Venezwela) inqatgħet mill-Qorti Ġenerali bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti (15-il Imħallf).

Barra minn hekk, fl-istennija ta' trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari fir-rigward ta' ċerti oqsma speċifiċi u tal-estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, il-Qorti Ġenerali ħadmet matul is-sena 2023 kollha fuq l-iżviluppi li ser ikunu meħtieġa fejn jidħlu l-modalitajiet ta' organizzazzjoni tagħha kif ukoll fejn jidħlu r-regoli proċedurali futuri tagħha.

Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali: kawżi mressqa, magħluqa, pendenti (2019 sa 2023)



Ħarsa ġenerali	2019	2020	2021	2022	2023
Kawżi mressqa	939	847	882	904	1 271
Kawżi magħluqa	874	748	951	858	904
Kawżi pendenti	1 398	1 497	1 428	1 474	1 841

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ Bir-reġistrazzjoni tal-Kawża T-1148/23, PAN Europe vs Il-Kummissjoni, ippreżentata fit-8 ta' Diċembru 2023.

² Dawn ir-rikorsi (T-620/23 sa T-1023/23) jikkonċernaw l-emenda tal-iskema tal-pensjoni komplementari volontarja tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

³ Tliet rikorrenti diġà ppreżentaw erba' rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jikkontestaw deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tal-proċedura ta' ħatra bħala kontrollur tal-aċċess: Kawżi [T-1077/23](#), Bytedance vs Il-Kummissjoni (ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa [Nru 28/24](#)), T-1078/23, Meta vs Il-Kummissjoni, u T-1079/23 u T-1080/23, Apple vs Il-Kummissjoni.